MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 21/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**Raymond Abela – ID-126583M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Jannar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,000.51) rapprezentanti ammont li huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni account number 40085935 kif jirrizulta minn dokumenti esebiti u mmarkati Dok "IZY 1" u "IZY 2" bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezentat l-ebda risposta ghal kontestazzjoni ghat-talba

attrici. Innota wkoll illi ghalkemm il-konvenut imsejjah diversi darbi baqa’ ma deherx ghas-seduta tallum.

Sema’ lill-PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum.

Illi ghalhekk in vista ta’ premess u minhabba nuqqas ta’ kontestazzjoni, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Raymond Abela sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ elf ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,000.51) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------